# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Frar 2001

Citazzjoni numru 1752/98 AJM

Kawza numru

Onor Evarist Bartolo

Vs

Paul Cocks u Charles Demicoli

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' Awissu 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti Paul Cocks bhala awtur u Charles Demicoli bhala editur tal-Gurnal "The People on Sunday" fil-harga tal-istess gurnal tal-Hadd 23 ta' Awissu 1998, ippubblikaw artikolu fil-pagna disgha tal-gurnal, intestat "Of Ministers and shady contracts" li fih implikaw u allegaw fost ohrajn li kien hemm xi irregolarita' jew favoritizmu fl-ghoti ta' kuntratt ghal tindif f'xi skejjel wara xoghol ta' riparazzjoni u manutenzjoni; illi dawn l-allegazzjonijiet huma nfondati u ghal kollox bla bazi u f'kull kaz l-istanti ma ndahal f'xejn fl-ghoti tal-kuntratti msemmija fl-artikolu; illi bl-istess artikolu

l-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku; illi barra l-gravita' tal-ingurja fiha nnfisha jidher car mill-intestatura, u mill-assjem tal-artikolu, illi l-iskop tal-konvenuti huwa li jaghmel hsara lill-istanti fi zmien krucjali tal-kampanja elettorali ghall-elezzjonijiet generali; illi l-istanti bhala parti offiza ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta); talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;
2. tikkundanna lill-kull wiehed mill-istess konvenuti ihallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut Charles Demicoli presentata fid-19 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepixxa illi l-artikolu in kwistjoni huwa bbazat fuq fatti veri u kwalunkwe kumment maghmul huwa bbazat fuq l-istess fatti veri li kollha jirrizultaw fil-provi tal-kaz u ghalhekk il-konvenut ma ghandux jigi kkundannat ihallas id-danni mitluba.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-istess konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 1999 meta l-konvenut Cocks inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici izda dan ma ottemperax ruhu mal-ordni tal-Qorti u ghalhekk fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 1999 gie dikjarat kontumaci.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-23 ta' Awissu 1998 u cioe ftit qabel l-elezzjoni generali li nzammet dik is-sena, fil-pagna 9 tal-gazzetta The People on Sunday" taht l-intestatura "*Of Ministers and Shady Contracts"* Paul Cocks kiteb dwar allegazzjonijiet ta' pratiki mhux xierqa fl-ghoti ta' kuntratti tal-gvern. Fost dawn jissemmew zewg kuntratti ghat-tindif tindif ta' certa' skejjel tal-gvern u tal-pixxina nazzjonali. L-artikolu jghid hekk:-
"*In yet another shady contract awarded, the Education Ministry wanted to appoint a cleaning company for a one off job in some schools were maintenance works had been carried out.*
*Instead of issuing a call for tenders, the Ministry asked for quotations from four companies – once again companies close to the Labour government.*"
Aktar l-isfel l-artikolu jkompli hekk:-

"*Other contracts were (recte where) rash and unorthodox decisions were taken also included the contracts for the cleaning services at the National Pool ....*"

L-attur fil-perjodu in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' Ministru ta' l-Edukazzjoni u bhala tali kellu taht it-texxija tieghu li skejjel tal-gvern kif ukoll l-pixxina nazzjonali. Dan ghalhekk qed jghid li huwa gie malafama inkwantu l-artikolu jimplikah fi proceduri inkorretti fl-ghoti ta' kuntratti u diskriminazzjoni "*politika*" fl-ghazla tal-persuni li jinghataw it-tenders.

Il-konvenut Demicoli, cioe l-editur tal-gazzetta in kwistjoni fid-data tal-pubblikazzjoni kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tar-Registratur tal-Istampa tal-21 ta' Marzu 2000 (fol 26) eccepixxa li l-fatti li jissemmew fl-artikolu huma veri u l-kummenti huma bazati fuq fatti veri izda ghalkemm moghti l-opportunita' f'diversi differimenti, li jressaq il-provi biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu naqas li jaghmel hekk. Mhux hekk biss talli lanqas biss darba wahda indenja ruhu jattendi l-Qorti fuq il-kawza odjerna. Minn naha tal-konvenut Cocks dan jirrizulta li baqa' kontumaci stante li ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet.

Issa mix-xhieda ta' l-attur jidher li ghalkemm huwa fil-perjodu in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Edukazzjoni huwa qatt ma kien jikkoncerna ruhu jew jindahal fl-ghoti ta' kuntratti tal-Gvern. Ghalhekk kull imputazzjoni fil-konfront tieghu qua Ministru responsabbli ma tirrizultax kif lanqas ma jirrizultaw ukoll il-fatti allegati fl-artikolu.

Dak li jinsab fl-artikolu abbinat ma l-intestatura tal-istess artikolu certament jammonta ghal malafama billi persuna responsabbli fil-Gvern

ghat-tmexxija ta' ministeru partikolari ma jistax impunement jigi akkuzat b'tahwid "shady contracts" fl-ghoti tal-kuntratti. Il-Qorti ghalhekk issib li l-attur ipprova l-malafama.

Illi fic-cirkostanzi l-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti li tigi ghadita ghandha tillikwida kumpens in linea ta' danni ghal malafama maghmula. L-ammontar ta' dawn id-danni jitqieghed fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak allegat fil-konfront tal-attur "qua ministru" u tenut kont ukoll taz-zmien delikat meta saru l-allegazzjonijiet malafamanti, l-attur ghandu jigi kumpensat bis-somma ta' LM400 li ghandhom jigu sopportati kwantu ghal LM300 mill-konvenut Cocks li kien responsabbli ghall-artikolu u kwantu ghal LM100 mill-konvenut Demicoli qua editur tal-gazzetta in kwistjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut Paul Cocks u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Demicoli stante li dawn ma jirrizultawx, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li dan gie malafamat bl-artikolu fuq imsemmi, tillikwida d-danni dovuti fl-ammont ta' erba' mitt lira maltin (LM400) u tikkundanna lill-konvenut Paul Cocks jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira maltin (LM300) u lill-konvenut Charles Demicoli jhallas lill-attur is-somma ta' mitt lira maltin (LM100) u dan bl-imghax legali mil-lum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut Cocks u kwantu ghal kwart mill-konvenut Demicoli.

Onor Imhallef Albert J. Magri